# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 4**

**Rikors numru 78/2016/1 BS**

**Carmel *sive* Charlie Bonnici**

**v.**

**Peter Bonnici u Heidi Bonnici**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur wara deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Sezzjoni Ġenerali mogħtija nhar is-26 ta' Marzu 2021.

2. L-attur u martu, li minnha mifrud, għandhom flimkien 50% tal-ishma

fil-kumpanija C&P Caterers Limited (C18006). Peress li l-attur u martu sseparaw l-attur xtaq li dawn l-ishma jinqasmu biex hu u martu jżommu 25% tal-ishma rispettivament. L-attur ressaq l-azzjoni odjerna sabiex il-Qorti tordna lill-konvenuti jiffirmaw ix-*share transfer form* neċessarja sabiex isir trasferiment tal-ishma rappreżentanti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) u ċjoè erbat elef, mitejn u ħamsin sehem (4,250) mill-Issued Share Capital fil-kumpanija C&P Caterers Limited (C18006) u fin-nuqqas ta' liema taħtar il-kuraturi neċessarji. Il-Qorti ċaħdet it-talbiet.

**Daħla**

3. L-attur, permezz ta' rikors ġuramentat talab lill-Ewwel Qorti:

> *"1) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jiffirmaw is-share transfer form neċessarja sabiex it-trasferiment tal-ishma, rappreżentanti ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-Issued Share Capital, u cjoe' erbat elef mitejn u ħamsin (4,250) sehem, fil-kumpannja "C&P Caterers Limited" C18006 jiġi debitament irreħistrat mar-Reġistratur tal-Kumpanniji;*
>
> *2) Taħtar kuratur deputat sabiex, fin-nuqqas tal-konvenuti li jottemporaw rwieħhom f'dan iz-zmien, jiffirma huwa din is-share transfer form f'isimhom."*

4. L-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *1) Illi bi skrittura privata tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju elfejn u ħmistax (2015), l-esponenti u martu Romina Bonnici kienu xtraw u akkwistaw mingħand l-intimati ħamsin fil-mija (50%) mill-Issued Share Capital fil-kumpannija "C & P Caterers Limited", numru tar-reġistrazzjoni C18006, u ċjoe' tmint elef u ħames mitt (8500) sehem, bil-valur nominali ta' tnejn punt tlieta tlieta Euro (€2.33) kull wieħed;*
>
> *2) Illi l-esponenti u martu llum isseparaw minn xulxin, u permezz ta' ittra uffiċjali spedita lill-intimati, u debitament innotifikata lilhom, huma*

*nfurmawhom li jixtiequ u jridu li s-share transfer form timtela' b'mod u manjiera li t-trasferiment tal-ishma jsir separatament u fi kwoti ugwali lil kull wieħed u waħda minnhom;*

*3) Illi kif jidher mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija, l-Issued Share Capital tal-kumpannija jikkonsisti fi 2 tmint elef u ħames mitt (8500) sehem, u għalhekk lill-esponenti ġew trasferiti erbat elef mitejn u ħamsin (4,250) sehem;*

*4) Illi l-intimati qegħdin stinatament jirrifjutaw milli jimlew u jiffirmaw is-share transfer form neċessarja sabiex it-trasferiment tal-ishma favur l-esponenti jiġi debitament irreġistrat mar-Reġistratur tal-kumpanniji, u, għalkemm dan l-aħħar, iddikjaraw li ser iwettqu s-share transfer, effettivament baqgħu qatt ma zammew kelmthom.*

5. Il-konvenuti ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

*1. Illi qabel xejn fil-kuntratt citat fir-rikors ġuramentat kienet parti ukoll Romina Bonnici kif ukoll il-kumpanija C&P Caterers Limited. Il-ġudizzju ma jistax ikun integru mingħajr l-inkluzjoni ta' dawn iz-zewġ persuni aktar u aktar meta l-obbligazzjonijiet saru u ġew riċevuti minn Peter u Heidi konjuġi Bonnici flimkien u solidament fuq naħa u minn Carmel u Romina konjuġi Bonnici flimkien u solidament fuq naħa oħra.*

*2. Illi għalhekk l-attur ma setax jipproċedi b'dawn it-talbiet waħdu u mingħajr ma' martu tkun parti fil-kawża.*

*3. Illi fil-mertu l-kuntratt da quo ma jistax jiġi moqri u meħud in izolament izda jrid jiġi bilfors jiġi moqri u nterpretat ma' serie ta' kuntratti li saru f'dik il-ġurnata bejn l-istess partijiet u li permezz tagħhom ġie mitmum in-negozju li kien jezisti bejn il-partijiet u li permezz tagħhom ġew kostitwiti obbligi reċiproci.*

*4. Illi r-raġuni għalfejn il-progress tas-share transfer ma sarx, ma kienx għar-raġuni illi l-konvenuti kienu qed jopponi illi jsir. Huma jafu l-obbligi tagħhom fuq il-kuntratt. Ir-raġuni li ma sarx kien peress illi bi zvista l-kumpanija C&P Caterers Limited u Charlie u Romina konjugi Bonnici ma trasferewx nofs l-arja li tiġi fuq korp ta' bini mmarkat bin-numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgħa (4) magħruf bhala "Moby Dick Complex" fi Triq Marina, Xlendi (limiti Munxar), Għawdex, kif kien miftihem illi jsir peress illi l-partijiet kienu ftehmu illi ser jaqsmu kollox nofs bin-nofs u dak li sar kien biss zball ġenwin. Għal skopijiet fradwolenti Carmel Bonnici baqa' jittratjeni u saħansitra jirrifjuta illi ssir l-korrezzjoni u għalhekk l-eċċipjenti ħassew li ma kienx opportun li jipproċedu bis-share transfer li ma jirrispekkjax dak li ftehmu l-partijiet u li kien ser jissiġilla l-intenzjonijiet ta' min ried japprofitta minn zball li nkorra fih kulħadd.*

*5. Illi fil-fatt minkejja li l-konvenuti nterpellaw lill-attur u lil-martu diversi*

*drabi sabiex jirranġaw din is-sitwazzjoni huma baqgħu nadempjenti. Għalhekk kontestwalment ma' din ir-risposta ġuramentata l-konvenuti qegħdin jippreżentaw kawża sabiex issir id-debita korrezzjoni.*

*6. Illi bla preġudizzju ghas-suespost jezisti lok għar-ragunijiet li ser jiġu spjegati fid-dettal fis-smiegħ ta' din il-kawża illi l-kuntratt ċitat mill-attur ma huwiex enforzabli minħabba li huwa strument ta' kawża lleċita.*

*7. Illi din ir-risposta qed issir mill-konvenuti kollha u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Peter Bonnici li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawża u dawk in eċċezzjoni.*

6. Il-konvenuti talbu l-kjamata fil-kawża ta' Romina Bonnici Galea, l-ex mara tal-attur. L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba. Il-konvenuti resqu appell u l-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet l-appell nhar il-31 ta' Mejju 2019:

*"18. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-ewwel qorti, tikkonferma d-dikriet li minnu sar l-appell. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti biex jitkompla s-smigħ fid-dawl ta' dak li ngħad fuq.*

*19. Billi t-talba għas-sejħa fil-kawża ma kinitx meħtieġa, l-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti."*

7. Il-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"12. Li kieku tassew kien meħtieġ illi jiġu iffirmati share transfer forms kif irid l-attur, kien ikollhom raġun il-konvenuti jgħidu illi għall-integrità tal-ġudizzju hija meħtieġa l-presenza fil-kawża ta' Romina Bonnici Carmel sive Charlie Bonnici v. Peter Bonnici et 7 Galea wkoll. Bil-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 l-attur u Romina Bonnici Galea xtraw l-ishma "flimkien u in solidum" u għalhekk kull wieħed u waħda minnhom kellu sehem mhux maqsum f'kull sehem. Għalhekk, biex nofs dawk l-ishma jiġu trasferiti fuq l-attur waħdu hija meħtieġa l-preżenza ta' Romina Bonnici Galea wkoll.*

*13. Dan iżda kien ikun minnu li kieku kienet meħtieġa din il-kawża biex iseħħ it-trasferiment u r-reġistrazzjoni tiegħu.*

*14. L-artt. 118 et seqq. tal-Att dwar il-Kumpanniji ["Kap. 386"] igħidu hekk dwar trasferiment ta' ishma u r-reġistrazzjoni tat-trasferiment:"*

*»118. (1) Minkejja kull disposizzjonijiet li jinsabu f'xi liġi oħra,*

*trasferiment ta' azzjonijiet …f'kumpannija għandu jsir bil-kitba. »… … …*

*»119. (1) Fuq talba ta' min jittrasferixxi jew li lilu tkun trasferita xi azzjoni … ta' kumpannija l-kumpannija għandha tniżżel fuq ir-reġistru tagħha tal-membri … l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment u meta t-talba ssir minn min jagħmel it-trasferiment ir-reġistrazzjoni għandha ssir bl-istess mod u suġġetta għall-istess kondizzjonijiet daqslikieku t-talba għar-reġistrazzjoni saret mill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment. »… … … »*

*120. … … … »(3) Fil-każ ta' trasferiment … ta' azzjonijiet il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum mid-data li fiha t-trasferiment ta' xi azzjonijiet bħal dawk ikun reġistrat mal-kumpannija … tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż tat-trasferiment … fejn tagħti l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom ikun sar it-trasferiment …«*

*15. It-trasferiment lill-attur u lil Romina Bonnici Galea sar bil-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2019, u l-qasma tal-ishma bejniethom presumibilment saret fil-kuntratt ta' firda. Mela dak kollu meħtieġ biex isir it-trasferiment lill-attur tal-ishma li jmissu lilu – il-kitba li jrid l-art. 118(1) – ġà sar. Li fadal hu li jingħata l-avviż lill-kumpannija kif irid l-art. 119(1) – u dan l-avviż jista' jingħata mill-attur waħdu bħala dak li lilu sar it-trasferiment – u li l-kumpannija tirreġistra t-trasferiment mar-Reġistratur tal-Kumpanniji.*

*16. Fuq il-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2019 l-attur deher mhux biss f'ismu iżda wkoll bħala direttur f'isem il-kumpannija. Mela dak kollu li għandu jsir biex issir ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma lilu jista' jagħmlu hu waħdu mingħajr il-ħtieġa tal-intervent ta' ħadd iżjed: l-avviż tat-trasferiment lill-kumpannija jista' jagħmlu hu bħala dak li lilu sar it-trasferiment billi jagħti kopja tal-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 u tal-kuntratt ta' firda bejnu u Romina Bonnici Galea, u l-avviż tat-trasferiment għar-reġistrazzjoni jista' jingħata minnu bħala direttur tal-kumpannija lir-Reġistratur tal-Kumpanniji. Il-preżenza ta' Romina Bonnici Galea fil-kawża għalhekk ma hijiex meħtieġa, u verament lanqas ma kien hemm għalfejn jitħarrku l-konvenuti, jew li ssir il-kawża.*

*17. Għalhekk għamlet sew l-ewwel qorti li ċaħdet it-talba għas-sejħa fil-kawża, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija fid-dikriet li minnu sar l-appell."*

8. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur u dan abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

*Fid-29 ta' Mejju, 2015 il-partijiet fil-kawża, jiġifieri Peter Bonnici u martu Heidi Bonnici għamlu ftehim ma' Carmel sive Charlie Bonnici fil-kwalita' tiegħu ta' direttur f'isem u għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija C&P Caterers Limited kif ukoll fil-kwalita' tiegħu personali u Romina Bonnici li sa dak inhar kienu għadhom mizzewġin, fejn permezz ta dan ilftehim qablu li l-vendituri insolidum jittrasferixxu 50% tal-Issued Share*

*Capital kollu li kien hemm fil-kumpanija C&P Caterers Limited u jgħadduh lill kumpraturi bil-prezz ta' €182,500, liema ammont jirriżulta mill-iskrittura nnifisha li thallas prezenzjalment u ġiet anke rilaxxata riċevuta mill-vendituri.*

*Fit-28 ta' Awissu, 2015 Charlie u Romina Bonnici isseparaw.*

*Fid-9 ta Ottubru, 2015, il-konvenuti permezz ta' ittra uffiċjali ġew interpellati sabiex jersqu għall-mili tas-share transfer forms sabiex nofs jiġi trasferit fuq isem Charlie Bonnici waħdu filwaqt li n-nofs l-ieħor jiġi trasferit fuq isem Romina Bonnici waħedha. Jirriżulta li ħadd mill-konvenuti ma resaq għall-mili tal-formoli kif interpellat u għalhekk l-attur ipproċeda bil-kawża.*

*Mill-atti jirriżulta wkoll li l-konvenuti kienu nterponew appell minn digriet ta' din il-Qorti diversement ippreseduta wara li hija ċaħdet talba tagħhom sabiex tissejjaħ fil-kawża Romina Bonnici Galea. Il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet l-appell fil-31 ta' Mejju, 2019. Fis-sentenza ta' l-Appell il-qorti qalet hekk:*

> *"12. Li kieku tassew kien meħtieġ illi jiġu iffirmati share transfer forms kif irid l-attur, kien jkollhom raġun il-konvenuti jgħidu illi għall-integrita' tal-ġudizzju hija meħtiega l-prezenza fil-kawża ta Romina Bonnici Galea wkoll….*
>
> *13.Dan izda kien ikun minnu li kieku kienet meħtieġa din il-kawża biex iseħħ it-trasferiment u r-reġistrazzjoni tiegħu."*

*Imbagħad f'paragrafu 15 et seq il-Qorti kompliet:*

> *" It-trasferiment lill-attur u lil Romina Bonnici Galea sar bil-kuntratt tad-29 ta' Mejju, 2019, u l-qasma tal-ismha bejniethom presumibilment saret fil-kuntratt ta' firda. Mela dak kollu meħtieg biex isir it-trasferiment lill-attur tal-ishma li jmissu lilu – il-kitba li jrid l-art.118(1) – ġa sar. Li fadal hu li jingħata l-avviż lill-kumpanija kif irid l-art.119(1) – u dan l-avviż jista' jingħata mill-attur waħdu bhala dak li lilu sar it-trasferiment – u li l-kumpanija tirreġistra t-trasferiment mar-Reġistratur tal-Kumpaniji.*
>
> *16 Fuq il-kunttratt tad-29 ta' Mejju, 2019 l-attur deher mhux biss f'ismu izda wkoll bhala direttur f'isem il-kumpanija. Mela dak kollu li għandu jsir biex issir ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma lilu jista' jagħmlu waħdu mingħajr il-ħtieġa tal-intervent ta' ħadd izjed…… Il-prezenza ta' Romina Bonnici Galea fil-kawża għalhekk ma hijiex meħtieġa, u verament lanqas ma kien hemm għalfejn jitħarrku l-konvenuti, jew li ssir il-kawża." (enfasi mizjuda minn din il-Qorti).*

*Il-Qorti fliet ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet. Tibda biex tinnota li l-attur fin-nota tiegħu jittenta jiġġustifika għaliex fetaħ il-kawża odjerna u dan minkejja d-deċizjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Huwa ezerċizzju inutili fl-istadji tan-noti ta' sottomissjonijiet li wieħed iqajjem argumenti li l-Qorti ta' l-Appell ġabet fix-xejn bis-sentenza tagħha.*

> *Minn naħa tal-konvenuti mbagħad, il-Qorti tinnota li fin-nota tagħhom jorbtu l-argumenti tagħhom ma dak li affermat il-Qorti ta' l-Appell u dunque li ma hux mehtieġ il-parteċipazzjoni tal-konvenuti sabiex iseħħ dak pretiz mill-attur. Mix-xhieda jirriżulta li tul il-kawża kollha l-konvenuti saħqu li huma kienu qed jaġixxu fuq direzzjonijiet mogħtija lilhom. Il-Qorti tosserva li kieku l-partijiet fil-kawża ġew iggwidati fuq il-linja li affermat il-Qorti ta' l-Appell, li wara kollox joħroġ palezament ċar mill-liġi, x'aktarx ma kienux jaslu sa fejn waslu bil-proċeduri gudizzjarji bejniethom.*

9. L-attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll l-appellant) ressaq appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti nhar it-13 ta' April 2021 u l-konvenuti (minn issa 'l quddiem imsejħin ukoll l-appellati) ressqu risposta nhar is-6 ta' Mejju 2021.

10. L-appellant jilmenta li (i) l-Ewwel Qorti ddeċidiet din il-kawża abbażi ta' eċċezzjoni li ma kinitx sollevata mill-konvenuti u għalhekk marret *ultra petita* u *extra petita* (ii) li bħala punt ta' liġi mhuwiex korrett jingħad li din il-kawża saret inutilment (iii) li mingħajr preġudizzju anke jekk l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-mod ta' kif imxiet xorta ma kellux jiġi akkollat bl-ispejjeż l-attur.

**Fatti**

11. Jidher li permezz ta' kuntratt ta' bejgħ ta' ishma fl-atti tan-Nutar Sylvianne Xerri Zahra ta' nhar id-29 ta' Mejju 2015[1], ġew trasferiti lill-attur u lil martu 50% tal-ishma fil-kumpanija C&P Caterers Limited (C18006)

---

[1] *Fol.*4 *et seq.*

għall-valur ta' EUR182,500. B'dan it-trasferiment l-attur u martu saru l-uniċi benefiċċjarji tal-kumpanija in kwistjoni, peress li l-attur diġà kellu 50% tal-ishma. Issa peress li l-attur u martu sseparaw[2], l-attur ried li l-ishma jiġu trasferiti fi kwoti ta' 25% sabiex kemm l-attur u kemm martu jieħdu s-sehem li jmiss lilhom. Konsegwentement l-attur intavola din il-kawża sabiex iġiegħel lill-konvenuti jersqu sabiex jiffirmaw il-formoli tat-trasferiment tal-ishma relattivi b'dan li jsir trasferiment ta' 25% tal-ishma lil attur u 25% tal-ishma lil martu.

12. L-attur ressaq affidavit, kopji ta' ittri li permezz tagħhom juri li interpella l-konvenuti jersqu għat-trasferiment u kopja tal-kuntratt ta' bejgħ ta' ishma u *Memorandum of Association* tal-kumpanija C&P Caterers Limited (C18006).

13. Rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, Jean Karl Portelli[3], xehed li l-benefiċċjarji tal-kumpanija C&P Caterers Limited (C18006) nhar il-21 ta' Marzu 2017 kienu għadhom l-attur u l-konvenut Peter Bonnici fi kwoti ta' 50% tal-ishma kull wieħed, *nonostante* li l-bejgħ li kien sar lill-attur u martu.

14. Permezz ta' affidavit, il-konvenut Peter Bonnici[4] xehed li hu kellu

---

[2] *Fol.* 41 *et seq.*
[3] *Fol.*34 *et seq.*
[4] *Fol.* 44 *et seq.*

negozju ma' ħuh, l-attur, u li wara ammont ta' snin iddeċidew li jaqsmu kollox. Xehed li ftehmu kif ser jaqsmu n-negozju u l-assi li kellhom in komun u li kien hemm ħafna diżgwid. Xehed li hemm kwistjoni fir-rigward ta' arja ta' blokka li fiha hemm ir-ristorant *Moby Dick* li tappartjeni lil C&P Caterers Limited li l-partijiet kellhom in komun, u jekk nofs din l-arja kellhiex tiġi trasferita lill-konvenuti. Jidher li l-konvenuti rrifjutaw li jiffirmaw il-formola tax-*share transfer* minħabba li l-attur ma riedx jagħmel trasferiment ta' nofs l-arja u għaliex ingħataw parir li jekk jiffirmaw il-formola tax-*share transfer,* kienu ser jippreġudikaw l-interessi tagħhom.

15. In kontroeżami Peter Bonnici xehed[5] li hu għandu kawża oħra kontra l-attur u li ma jridx jagħmel ix-*share transfer* għaliex hemm il-kwistjoni tal-arja u b'hekk jekk jiffirma x-*share transfer* l-arja tal-blokka indirettament tgħaddi għand l-attur u martu b'mod sħiħ peress li din l-arja tappartjeni lil C&P Caterers Limited u l-attur u martu saru l-benefiċċjarji tal-istess kumpanija fl-intier tagħha.

16. Xehed l-Avukat Kevin Mompalao[6] li spjega li lill-partijiet kien ilu jafhom u kien l-avukat tagħhom it-tnejn sakemm waslu biex jaqsmu n-negozju. Xehed li s-sitwazzjoni kienet diffiċli u jgħid li l-attur kien diffiċli fin-negozjati. Jixhed li peress li ma bdewx jaqblu hu ma baqax jirrappreżenta liż-żewġ partijiet. Jgħid li n-negozju kien wieħed kbir u li

[5] *Fol.* 95 *et seq.*
[6] *Fol.* 48 *et seq.*

daħlu fix-xena *accountants* għall-skopijiet li jsir it-trasferiment tal-proprjetà in komuni. Xehed li kien hemm arja ta' blokka li kellha tinqasam nofs bin-nofs iżda li baqgħet tal-kumpanija C&P Caterers Limited u li l-attur ma riedx jaqsamha.

17. Xehed Daniel Galea[7], *accountant* li kien jaħdem għall-aħwa. Hu xehed li l-aħwa riedu jaqsmu kollox, kemm assi u kemm dejn, iżda li kien hemm ħafna tensjoni bejn il-partijiet u li l-konvenut Peter Bonnici kien ibaxxi rasu biex jevita l-inkwiet. Jgħid li l-kwistjoni tal-arja tal-blokka kienet ġiet minsija, kemm minnu u kemm minn *accountant* ieħor, għaliex kieku kienet tiġi inkluża. In kontroeżami[8] saru mistoqsijiet rigward il-qsim tal-assi miżmuma in komun u rigward l-arja u li ma kienx jaf biha u li l-inkarigu tiegħu ma kienx li jagħti n-*net value asset* lill-ishma u li ta pariri relatati ma' taxxa. Fir-rigward tax-*share transfer* li kellu jsir Galea xehed li l-iskop kien li jsir *share transfer* biex il-kumpanija ssir ta' persuna waħda biss u b'hekk il-kumpanija tkun tista' tbiegħu lil persuna l-oħra b'taxxa ta' 12% mhux 35% skont is-sistemi applikabbli.

18. Xehdet ukoll in-Nutar Sylvianne Xerri Zahra[9], fejn xehdet li l-kwistjoni tal-arja ma ġietx solvuta u li ma kienx hemm qbil fuqha. Sarilha wkoll il-kontroeżami[10].

---

[7] *Fol.*54 *et seq.*
[8] *Fol.* 77 *et seq.*
[9] *Fol.* 57 *et seq.*
[10] *Fol.* 67 *et seq.*

19. Saret kawża minn Peter Bonnici kontra l-attur bin-numru 90/2016[11], madankollu ma ġietx imressqa informazzjoni ulterjuri u anqas dokumenti relatati mal-istess.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

20. Permezz tal-ewwel **żewġ aggravji,** l-appellant jagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti u jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat il-prinċipju tal-*ultra petita* li jorbot lill-ġudikant li jiddeċiedi l-kawża strettament fuq il-binarji li fuqhom tkun ġiet impostata l-kawża. Jagħmel referenza għall-ġurisprudenza Taljana fejn il-qrati Taljani saħqu li l-qorti tkun aġixxiet *ultra* jew *extra petita* jekk il-pronunzjament imur *oltre* l-kwistjoni mqajma mill-partijiet u li l-qorti hi marbuta bil-premessi u t-talbiet u anke mill-eċċezzjonijiet imressqa. Jgħid li l-qrati tagħna saħqu dan ukoll, senjatament li l-qorti ma għandhiex tissolleva eċċezzjoni sakemm mhijiex awtorizzata espressament fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku. Altrimenti kwalunkwe kwistjoni legali tkun tista' tiġi sollevata mill-qorti li tiddeċiedi fuq l-eċċezzjoni tagħha nnifisha stess.

21. Jargumenta li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-

[11] *Fol.*99 u 100

konvenuti ma jistgħu jinftiehmu li bihom qed jikkontestaw it-talbiet attriċi abbażi ta' xi argument fis-sens li din il-kawża ma hijiex neċessarja għat-trasferiment tal-ishma fil-kumpanija C&P Caterers Limited. Dan jargumentah għaliex id-direzzjoni tal-eċċezzjonijiet hi li l-konvenuti qed jirrifjutaw li jagħmlu t-trasferiment tal-ishma għaliex l-iskrittura għandha tiġi annullata abbażi ta' żball jew frodi u b'hekk l-intiża hi illi, li kieku ma kienx għall-allegazzjoni ta' żball jew frodi l-konvenuti ma kienux jostakolaw it-trasferiment tal-ishma. Fil-kontroeżami tal-konvenut Peter Bonnici dan ġie kkonfermat meta qal li ma ffirmax il-formola tax-*share transfer* għaliex kien mogħti parir li jekk jagħmel dan jippreġudika l-pożizzjoni tiegħu. Ma jistax anqas jingħad li bl-eċċezzjoni, li ma kienx hemm ħtieġa li jsir it-trasferiment mitlub mill-esponenti li jiġu ffirmati dokumenti, tqajjem xi punt ta' ordni pubbliku. *In oltre* l-argumenti mressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet ma jistax jammontaw għal eċċezzjoni.

22. Għalhekk huwa sottomess li l-ġudikant huwa marbut bil-prinċipju in kwistjoni u l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi l-kawża fuq il-parametri tagħha. Però anke li kieku huwa minnu li l-Ewwel Qorti setgħet tiddetermina l-kwistjoni abbażi ta' eċċezzjoni li ma tqajmitx mill-konvenuti, minn *punto di vista* proċedurali u fiskali xorta hemm bżonn li ssir il-proċedura tat-trasferiment tal-ishma u ma kellhiex raġun l-Ewwel Qorti targumenta li l-eżerċizzju kien ser ikun inutli.

23. *In oltre* l-appellant jirrileva li anke fid-dawl tal-prinċipju ta' *ultra petita* jew *extra petita,* id-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju 2019, kienet neċessarjament limitata għall-appell imressaq quddiemha mill-konvenuti dwar it-talba tagħhom għall-kjamata fil-kawża ta' Romina Bonnici Galea. Hija d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li madankollu tifforma *res judicata* bejn il-partijiet. Konsiderazzjonijiet oħra jistgħu jiffurmaw *obiter dicta* imma mhux li jkollhom il-forza tal-ġudikat u ma jistgħux iservu sabiex jipprojbixxu eżami korrett ta' kwistjonijiet oħra li jeżorbitaw il-parametri ta' dak li l-qorti tkun ġiet mitluba tiddeċiedi. Jagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet u jisħaq li l-konvenuti argumentaw li l-argumenti li ressaq l-attur rigward kwistjonijiet ta' taxxa jmorru lil hinn mill-kwistjoni. Però l-attur jgħid li dan mhux korrett u dan b'referenza għall-artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 123.27 li jimponi li t-trasferent iwettaq proċess u jħallas taxxa fuq il-qligħ qabel ma t-trasferiment tal-ishma jiġi reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

24. **Il-konvenuti appellati** jwieġbu li l-qorti tmur *ultra* jew *extra petita* jekk tagħti *oltre* jew diversament minn dak mitlub u ma għandhom x'jaqsmu l-eċċezzjonijiet u dan anke b'referenza għall-ġurisprudenza tagħna. Jargumentaw li l-konvenut jista' jkun kontumaċi għaliex il-Qorti xorta waħda tiddeċiedi abbażi tat-talbiet. Jisħqu li sa ċertu punt l-Ewwel Qorti kienet ikkondizzjonata b'dak li qalet il-Qorti tal-Appell u dan għaliex minnha jemerġi li ma kien hemm l-ebda utilità legali għall-kawża odjerna.

Li kawża li ma tistax iġġib riżultat utli jekk ma tistax ittejjeb l-interessi tal-attur kif inhu l-każ, u li kawża mingħajr utilità legali hi nieqsa mill-interess ġuridiku.

25. Lil hinn mill-eċċeżżjonijiet imressqa, min iressaq kawza jrid l-ewwel jġib prova tal-atti li qed jallega u mbagħad jittieħed kont tat-talbiet li għandhom finalment iwasslu ghal rizultat utili u legali.

26. Din il-Qorti tqis li l-maġġorparti tal-provi kienu jirrigwardaw ir-raġuni l-għala l-konvenuti ma ridux jiffirmaw formoli sabiex isir it-trasferiment tal-ishma. Il-mistoqsijiet li jqumu huma tnejn: liema formola kellha tiġi ffirmata u għal liema trasferiment qed jirreferi l-attur?

27. Filwaqt li t-talbiet tal-attur jiċċentraw fuq trasferiment ta' ishma ta' 25%, għaliex l-attur jippremetti li ssepara minn mal-mara, l-uniku att ta' trasferiment ta' ishma preżentat mill-attur hu att ta' bejgħ mill-konvenuti lill-attur u lil dik li kienet martu. Madankollu ma tressqet l-ebda prova tal-att ta' separazzjoni u b'hekk ma teżisti l-ebda prova konkreta tad-diviżjoni tal-assi li allegatament saret bejn l-attur u martu.

28. Din il-Qorti tinnota wkoll li ma tressaq l-ebda rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, dak li llum huwa l-*Malta Business Registry,* biex jispjega l-proċess b'liema kellu jimxi l-attur sabiex formalment isir it-

trasferiment tal-ishma mar-reġistru kemm b'mod ġenerali u kemm fil-każ tal-attur. Infatti x-xhud mir-Reġistratur tal-Kumpaniji xehed biss li fl-2017 ir-Reġistratur tal-Kumpaniji kien għadu mhux infurmat bit-trasferiment li sar bejn il-konvenuti a favur l-attur u martu, u infatti fl-2017 il-benefiċċjarji ta' C&P Caterers Limited kienu għadhom jidhru l-attur u l-konvenut Peter Bonnici.

29. *In oltre*, din il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-*Memorandum of* Association tal-kumpanija C&P Caterers Limited[12] jipprovdi li:

> *"9. The Company shall be represented legally and judicially by any two of its directors, jointly; or without prejudice and in addition to the authority of the directors to jointly represent the company as aforesaid, in a particular case or cases by such other person or persons as the Board of Directors may appoint for that purpose."*

Madankollu dan ma jidhirx li jfisser wisq fid-dawl tal-fatt li fl-iskrittura ta' bejgħ tal-ishma kien l-attur Carmel Bonnici biss li kien qed jidher bħala rappreżentant tal-kumpanija in kwistjoni. ***In oltre*** **permezz tal-att ta' bejgħ tal-ishma l-vendituri ddikjaraw li kienu qed jirriżenjaw minn kull kariga li huma jokkupaw fil-kumpanija C&P Caterers Limited u jirrinunzjaw għal kull interess illi huma kellhom.**

30. Jidher li fi kwalunkwe każ skont il-liġi applikabbli tal-kumpaniji, kif ikkonsidrat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza preliminari, ma kien hemm bżonn l-ebda involviment tal-konvenuti sabiex timtela l-formola in

[12] *Fol.8*

kwistjoni u dan skont il-Kapitolu 386 u senjatament is-segwenti artikoli:

> *»118. (1) Minkejja kull disposizzjonijiet li jinsabu f'xi liġi oħra, trasferiment ta' azzjonijiet …f'kumpannija għandu jsir bil-kitba. »… … …*
>
> *»119. (1) Fuq talba ta' min jittrasferixxi jew li lilu tkun trasferita xi azzjoni … ta' kumpannija l-kumpannija għandha tniżżel fuq ir-reġistru tagħha tal-membri … l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment u meta t-talba ssir minn min jagħmel it-trasferiment ir-reġistrazzjoni għandha ssir bl-istess mod u suġġetta għall-istess kondizzjonijiet daqslikieku t-talba għar-reġistrazzjoni saret mill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment. »… … … »*
>
> *120. … … … »(3) Fil-każ ta' trasferiment … ta' azzjonijiet il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum mid-data li fiha t-trasferiment ta' xi azzjonijiet bħal dawk ikun reġistrat mal-kumpannija … tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż tat-trasferiment … fejn tagħti l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom ikun sar it-trasferiment …«*

31. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-attur kien is-segretarju tal-kumpanija u b'hekk jidher li anke hu kellu s-setgħa li jressaq kwalunkwe formola mar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Infatti l-Liġi Sussidjarja 386.01, u ċjoè r-Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji, jinkludi l-kampjun ta' dik imsejħa l-Formola T, li tiġi preżentata meta jsir trasferiment tal-ishma u li tinkludi lis-segretarju bħala wieħed mill-uffiċjali li jista' jippreżenta tali dokument.

32. Wara t-trasferiment tal-ishma jidher li l-attur kien b'hekk l-unika direttur u anke s-segretarju tal-kumpanija. Issa skont l-artikolu 150 tal-Kapitolu 386:

> *"150.Kull ħaġa li skont xi dispożizzjoni ta' dan l-Att hi meħtieġa li ssir minn kumpanija għandha titqies ukoll li hi meħtieġa li ssir mill-uffiċjali tal-kumpanija"*

33. Fin-nuqqas ta' prova opposta, din il-Qorti tqis li l-attur seta'

faċilment jirreġistra li kien sar trasferiment tal-assi.

34. Issa f'dal-każ l-appellant qed jilmenta li l-Qorti marret kontra l-prinċipju tal-*ultra petita* u *extra petita.* **Din il-Qorti** tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Tignè Point South Residents Association (LPA-28) fil-kapaċità tagħha ta' amministratriċi ta' Caravaggio u Favray Courts fil-kumpless magħruf bħala Tignè Point, Sliema v. Midi p.l.c (C 15836)** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Mejju 2024 fejn intqal:

> *"40. Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2024 fl-ismijiet Johnnie Azzopardi nomine v. Dentist David Muscat et tfisser li fis-sistema legali tagħna, il-proċess ċivili jiskatta biss fuq l-impuls ta' min jidhirlu li nkisirlu xi dritt u għalhekk ifittex il-ħarsien tal-Qorti (ne procedat iudex ex officio). Barra minn hekk, imiss għal min jiftaħ il-kawża li jiddetermina l-kontenut tal-proċess; li jfisser il-kontroversja li fuqha trid tiddeċiedi l-Qorti (ne eat iudex ultra petita partium). Permezz tad-domanda tiegħu, l-attur jorbot, u fl-istess ħin jillimita, lill-Qorti dwar l-oġġett tal-ġudizzju. Il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi preċiżament fuq id-dritt affermat fid-domanda, u mhux fuq xi dritt ieħor; fuq id-dritt jew drittijiet kollha affermati, imma mhux lil hemm minnhom. Bl-att li bih tinfetaħ il-kawża, l-attur huwa marbut li jidentifika l-fatti kostituttivi li huwa jpoġġi bħala r-raġuni tad-domanda tiegħu.*
>
> *41. Jiġi b'hekk, li n-natura ta' kawża li titressaq quddiem il-Qrati tiddependi mill-għażla li tagħmel dik il-parti li tiftaħha u mhux mill-eċċezzjonijiet li l-parti mħarrka tqajjem dwarha (ara Il-Professur Raymond Mangion v. Whitelocke Publications Limited et maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Dan kollu huwa importanti li wieħed iżommu f'moħħu għaliex kif inhuwa sew magħruf fil-liġi u fil-ġurisprudenza tagħna, il-qrati superjuri għandhom joqogħdu għat-talba kif imfissra mir-rikorrent, b'dana li l-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta, imma li ma jkunx jidħol sewwa fit-talba, kif imfissra mir-rikorrent għaliex inkella s-sentenza tmur ultra jew extra petita u b'hekk tiġi li ma tiswiex (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fid-29 ta' April, 2023 fl-ismijiet Raymond Caruana et v. Conrad Pace)."*

35. Din il-Qorti ma tqisx li l-Ewwel Qorti marret *ultra* jew *extra petita* meta fil-konsiderazzjonijiet tagħha rreferiet għal dak li kkonsidrat il-Qorti

tal-Appell mingħajr ma llimitat ruħha għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Tassew l-Ewwel Qorti ħasset li b'dak li kienet ikkonsidrat il-Qorti tal-Appell, ma kellhiex wisq aktar x'iżżid u ma daħlitx fil-mertu u dan għaliex skont il-Qorti tal-Appell sabiex isir it-trasferiment tal-ishma ma kienx hemm bżonn l-involviment tal-konvenuti. Anke jekk din ma kinitx eċċezzjoni donnu l-attur jinsa li *iura novit curia* u l-qorti sempliċiment kwotat dak li tgħid il-liġi stess. Fuq kollox il-Qorti ma tiddeċidiex il-kawżi in arja imma tiddeċidihom fil-parametri tal-qafas legali viġenti.

36. Issa f'dal każ dan jgħodd aktar meta wieħed jikkunsidra li hemm nuqqas ta' provi konkreti u relevanti, u għaldaqstant il-Qorti setgħet issib sostenn biss fil-liġi; anke jekk donnu l-attur jippretendi li l-Qorti kellha timxi fil-għama.

37. Konsegwentement dawn iż-żewġ aggravji qed jiġu miċħuda.

38. **F'dak li donnu jaqa' taħt it-tielet aggravju**, l-appellant jilmenta li l- konvenuti qatt ma qajmu n-nuqqas ta' ħtieġa tal-kawża għajr fin-nota ta' sottomissjonijiet. Jgħid li mhux sew li jiġi akkollat bl-ispejjeż kollha. Jgħid li l-konvenuti ħlew ħafna ħin għaliex baqgħu jinsistu li ma għandhomx jiffirmaw id-dokumenti. *In oltre* l-ispejjeż akkollati lill-konvenuti bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju 2019 ma kellhomx jiġu varjati mill-Ewwel Qorti.

39. **L-appellanti jwieġbu** li ma hemmx lok ta' temperament fil-kap tal-ispejjeż iżda hemm lok li jiġu imposti spejjeż doppji.

40. **Din il-Qorti tqis li** la l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur konsegwentement kien isegwi li l-Ewwel Qorti takkolla l-ispejjeż mal-attur stess u dan kif jipprovdi l-artikolu 223(1) tal-Kap 12, ħlief dawk tal-Qorti tal-Appell relatati mad-digriet tal-kjamata fil-kawża li għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti kif qalet il-Qorti tal-Appell stess Konsegwentement dan l-aggravju qed jiġi milqugħ limitatament.

**Decide**

41. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa' limitatament it-tielet aggravju fir-rigward tal-ispejjeż tal-Qorti tal-Appell referibilment għal konferma taċ-ċaħda tal-kjamati fil-kawza, u tiċħad il-kumplament. Spejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss